KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## <u>LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ</u>

## <u>ID-DISA' (9) LEĠISLATURA</u>

***Laqgħa Numru Sbatax (17)***

***Il-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 17 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**17.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Naomi Mizzi fejn talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa kif ukoll mingħand il-Kunsillier Jesmond Manicolo li jinsab indispost. Il-Kunsill qabel.

**17.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 16 li nżammet nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025

17.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 16 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

17.2.3 **Mozzjoni Numru 17-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 16

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

Il-Minuti Numru 16 ġew approvati unanimament.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 17(09) – Lulju 2025***

17.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11990 sa 12038 kif ukoll cheque bin-numri 7267 sa 7269 li jammontaw €45,768.91

17.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

17.3.3 **Mozzjoni 17-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17(09)

Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa
Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

L-iskeda ta' pagamenti numru 17(09) ġiet approvata unanimament.

**17.4 Korrispondenza**

17.4.1 Tressqet korrispondenza dwar iż-żjara għand l-E.T.President ta’ Malta fil-Palazz ta’ Sant’Anton fejn qed tiġi proposta d-data ta’ l-10 ta’ Settembru 2025. Infurmawna li rridu nagħmlu l-arranġamenti sabiex ikollna qassis li jagħmel quddiesa filgħodu. L-ammont ta’ nies li jistgħu jattendu huwa ta’ 100. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita’ fid-data msemmija u se jkun qed jibda’ jirriklama fuq il-mezzi soċjali fil-jiem li ġejjin.

17.4.2 Tressqet korrispondenza dwar il-Group Life Policy tal-AKL għas-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera. Din tammonta għal €65 kull membru elett. Il-Kunsill approva li l-polza tiġġedded.

17.4.3 Tressqet korrispondenza mingħand Project Green dwar Pjan ta’ Immaniġjar tat-Traffiku għal meta jibda l-proġett. Qed jiġi propost li jsir shuttle Service. Il-Kunsill ma jemminx li s-soluzzjoni għal problema tal-parkeġġ hija sistema ta’ shuttle Service iżda qed jipproponi li jsir arranġament biex jintuża’ l-parking ta’ wara l-ground il-kbir u jsir aċċess għat-triq fejn se jsir il-proġett. Dwar dan il-Kunsill qabel li jiltaqa’ ma’ Project Green biex tiġi diskussa din il-proposta kif ukoll dwar il-kwistjonijiet pendenti li hemm fuq il-proġett.

17.4.4 Qed tiġi mgħoddija korrispondenza bejn ANSEK u AKL dwar il-possibilita’ li jibdew isiru ħlasijiet ta’ kontijiet tad-dawl fil-Kunsilli Lokali fejn ANSEK qed issostni li hemm diversi sfidi li dawn iridu jiġu ndirizzati qabel dan is-servizz jibda’ jingħata. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru dawn il-ħlasijiet minħabba n-nuqqas ta’ riżorsi umani kif ukoll l-ispazju fil-Kunsill biex jakkomoda għal dan is-servizz.

17.4.5 Tressqet korrispondenza dwar Skema SPI/SCI/07/2025: Komunitajiet aktar b’saħħitha u ta’ kwalita’. Il-Kunsill qabel li f’dan l-istadju m’għandux proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn din l-iskema.

17.4.6 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar l-ġbir tal-ħġieġ nhar il-Festa ta’ Santa Marija. Il-Kunsill qabel li jekk possibbli l-ġabra tiġi posposta għal ġimgħa wara nhar it-22 ta’ Awwissu. F’każ li dan mhux possibbli, il-ġabra issir xorta fil-15 t’Awwissu u ninfurmaw lill-pubbliku li ż-żona tal-Pjazza se tkun magħluqa minħabba l-festa.

17.4.7 Tressqet korrispondenza dwar attivita’ organizzata mill-AKL fejn ikkonfermaw li se jattendu l-Vici Sindku Brian Xuereb u l-Kunsillier Steven Axisa.

**17.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

17.5.1 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar l-organizzazzjoni ta' Mawra sa Sqallija li se tiġi organizzata fl-4 t'Ottubru. Il-Kunsill approva din l-attivita' u se jkun qed jinħareġ il-poster fil-jiem li ġejjin.

17.5.2 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li din is-sena fl-ewwel ġurnata tas-sena skolastika nerġgħu nagħmlu xi attivitajiet żgħar fejn l-iskola. Is-Sindku propona li nqabbdu kumpanija sabiex tieħu ħsieb dan id-divertiment u nġibu stima. Il-Kunsill qabel.

17.5.3 Is-Sindku Karl Boxall propona li titwaħħal camera fi Triq il-Belt Valletta fejn jintrema ħafna skart u jsir arranġament mar-residenti taż-żona sabiex jipprovdu skip li titbattal mill-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel.

17.5.4 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar stedina sabiex nipparteċipaw fi programm ġdid ta' Angie Laus li se jibda minn Ottubru. Għal dan il-programm il-Kunsill irid isib kemm jista' jkun persuni li jistgħu ikunu ta' interess fl-istorja tar-raħal. Dan il-programm hu maħsub li jsir lejn April viċin Jum Ħal Għaxaq.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Vici Sindku Brian Xuereb talab li jkun skużat (18:46)*

**17.6 Attivitajiet**

17.6.1 Is-Sindku Karl Boxall fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li din is-sena nippruvaw inkabbru l-attivita' tal-Ħeluween iżda għandna bżonn inġibu iktar fondi apparti l-fondi li ingħatajna mill-MTA is-sena l-oħra.

*Il-Vici Sindku Brian Xuereb reġa attenda fil-Laqgħa (18:50)*

17.6.2 Ġie propost li għal din is-sena, l-attivita' ssir ġewwa l-Housing Estate fejn fil-Ġnien noħolqu atmosfera relatata mal-avveniment kif ukoll isir id-divertiment. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u ssuġerixxa li bħas-sena li għaddiet, nħeġġu l-każini jarmaw l-istands filwaqt li nagħmlu kompetizzjoni lir-residenti għall-aqwa tiżjin tad-djar.

17.6.3 Is-Sindku Karl Boxall tkellem ukoll dwar l-attivitajiet tal-Milied fejn ukoll ħeġġeġ biex bħala Kunsill nibdew naħdmu sabiex inġibu sponsors biex inkunu nistgħu inżejnu t-toroq bħas-sena preċedenti filwaqt li norganizzaw ukoll party għat-tfal u ħarġa għall-anzjani. Il-Kunsill qabel li l-festin tat-tfal isir fit-13 ta' Diċembru u jerġgħu jitqassmu r-rigali. Rigwards il-ħarġa tal-anzjani huwa ppropona li ssir Quddiesa l-Mellieha, wara jinżlu sal-Għar u wara nieħdhom jieklu buffet lunch u ssir it-tombla. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**17.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

16.8.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ġibed l-attenzjoni li l-kanċell tal-kamra ta' Ġnien Elfejn qed ikun miftuh u għaldaqstant ssuġerixxa li jinbidel l-katnazz. Huwa qal ukoll li hemm xi ħadd li qed jieħu l-ilma mill-ġiebja u qed jinżergħu ħxejjex fil-ħamrija tal-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill preċedenti kellu ftehim ma dawn ir-residenti biex jiżirgħu xi ħxejjex. Il-Kunsill ma jaqbilx li dan jibqa' jsir anki minħabba li qed ikerrah l-ambjent tal-ġnien, għaldaqstant ġie propost li dawn ir-residenti jiġu avviċinati u infurmati li se jinbeda l-proġett ta' tisbiħ u għaldaqstant huwa importanti li jibda jitneħħew l-affarijiet.

16.8.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li l-ħaddiem tal-Kunsill li jieħu ħsieb il-ġonna daqt se jittermina s-servizz tiegħu u għaldaqstant propona li l-Kunsill jibda' jippjana biex ikollu servizz ta' ġardinar.

16.8.3 Il-Kunsillier Stephen Attard propona li nitkellmu mas-Sindku ta' Ħal Tarxien dwar xi ħaddiema tat-tindif li jistgħu jagħtu servizz lil-lokalita'.

16.8.4 Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li jsir eżerċizzju sabiex naraw min huma l-*cat feeders* u niltaqgħu magħhom biex naraw xi proġetti nistgħu nagħmlu li jibbenefikaw minnhom.

16.8.5 Il-Vici Sindku Brian Xuereb u l-Kunsilliera Christine Dalli proponew li ssir attivita' għat-tfal fi Ġnien Elfejn li tinkludi watergames u logħob ieħor li jistgħu jassistuna fih Sports Malta. Din l-attivita' tista' ssir fil-5 ta' Settembru. Dwar dan il-Kunsill qabel.

16.8.6 Il-Kunsillera Christine Dalli qalet li qed isir kors tal-Mental First Aid għall-pubbliku interessat u ppproponiet li bħala Kunsill għandna ntellawh fuq il-paġna soċjali tagħna.

**17.8 Mozzjonijiet**

17.8.1 Annessi mal-Minuti

**17.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

17.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 t' Awwissu 2025 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 17**

**Mozzjoni Ref:** 17-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 16

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 24 ta' Lulju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 17**

**Mozzjoni Ref:** 17-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17

**Steven Axisa**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 24 ta' Lulju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**